**MALTA**
**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 300/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Illum 18 ta' Jannar 2016**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat minn XXX fis-27 ta' Settembru 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, in segwitu trasferit quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema jitlob li l-istimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.2006-28.02.2007, 01.03.2007-31.05.2007, 01.06.2007-31.08.2007, 01.09.2007-30.11.2007, 01.12.2007-31.12.2007, 01.01.2008-29.02.2008, 01.03.2008-31.05.2008, 01.06.2008-31.08.2008, 01.09.2008-30.11.2008, 01.12.2008-28.02.2009, 01.03.2009-31.05.2009, 01.06.2009-31.08.2009, 01.09.2009-30.11.2009, 01.12.2009-28.02.2010, 01.03.2010-31.05.2010, 01.06.2010-31.08.2010 u 01.09.2010-30.11.2010, inkluzi l-penali amministrattivi w imghaxijiet imposti bl-istess, jigu ikkancellati in kwantu invalidi fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti, ossia l-imsemmija stimi mahruga mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fil-konfront tar-Rikorrent, annessi mar-Rikors promotur;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud permezz ta' liema jopponi ghall-appell tar-Rikorrent u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra r-Rikorrent, stante li: (i) l-aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mill-istimi in kwistjoni huwa vag wisq u facilment jista' jaghti lok ghall-vjolazzjoni tal-partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li jikkoncedi lill-appellant zmien tletin gurnata min-notifika ta' l-avviz ta' stima sabiex jappella mill-istess u jindika l-aggravji fuq liema qed

jibbaza l-appell tieghu. L-aggravju kif moghti mir-Rikorrent jista' facilment iwassal biex ir-Rikorrent iqajjem kwalunkwe aggravju li jidhirlu minkejja li ghandu zmien preskritt fil-Ligi entro liema jista' jissolleva l-aggravji tieghu fir-rigward ta' l-istima/stimi mahruga kontrih; (ii) l-istimi huma validi u gusti u jisthoqqilhom konferma; u (iii) fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn ir-Rikorrent ma zammx ma' l-obbligi tieghu skond l-Artikolu 48(1),(2),(3) u (4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu japplika dak provdut fis-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi fir-rigward ta' produzzjoni ta' dokumenti quddiem il-Bord ta' Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u llum quddiem it-Tribunal;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

Ra li waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013[1] il-partijiet kontendenti ddikjaraw li jkun opportun li qabel ma jittratta l-appell odjern fil-meritu, it-Tribunal jittratta u jiddeciedi jekk ir-Rikorrent kellux raguni valida o meno ghalfejn ma ressaqx id-dokumenti mitluba lilu fl-istadju opportun;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent moghtija waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013[2] u ix-xhieda tat-Tabib Dr. Anthony Formosa moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2013[3], ra d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent markati Dok. "VG001" sa' Dok. "VG005" permezz ta' Nota pprezentata fis-16 ta' Lulju 2013 a fol. 23 sa' 29 tal-process, sema' x-xhieda ta' Lorraine Dimech moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Novembru 2013[4] u tat-28 ta' Marzu 2014[5] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "LD" a fol. 33 sa' 58 tal-process u Dok. "LD1" a fol. 69 sa' 71 tal-process, sema' x-xhieda ta' Lorraine Galea moghtija waqt is-seduti tal-5 ta' Novembru 2013[6] u tat-28 ta' Marzu 2014[7] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "LG1" u Dok. "LG2" a fol. 72 u 73 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 89 sa' 91 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, già Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, a fol. 92 sa' 97 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Bil-proceduri odjerni r-Rikorrent jikkontesta stimi mahruga fil-konfront tieghu mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghall-perijodi ta' taxxa

---

[1] Fol. 15 tal-process.
[2] Fol. 16 sa' 18 tal-process.
[3] Fol. 21 u 22 tal-process.
[4] Fol. 59 sa' 61 tal-process.
[5] Fol. 74 sa' 80 tal-process.
[6] Fol. 62 sa' 64 tal-process.
[7] Fol. 81 sa' 83 tal-process.

01.12.2006-28.02.2007, 01.03.2007-31.05.2007, 01.06.2007-31.08.2007, 01.09.2007-30.11.2007, 01.12.2007-31.12.2007, 01.01.2008-29.02.2008, 01.03.2008-31.05.2008, 01.06.2008-31.08.2008, 01.09.2008-30.11.2008, 01.12.2008-28.02.2009, 01.03.2009-31.05.2009, 01.06.2009-31.08.2009, 01.09.2009-30.11.2009, 01.12.2009-28.02.2010, 01.03.2010-31.05.2010, 01.06.2010-31.08.2010 u 01.09.2010-30.11.2010. Huwa jikkontendi li l-imsemmija stimi huma invalidi fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant l-istess stimi, inkluzi l-penali amministrattivi w imghaxijiet impost fihom, ghandhom jigu ikkancellati.

Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jopponi ghat-talba tar-Rikorrent u jitlob li l-istess tigi michuda stante li: (i) l-aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaza l-appell tieghu mill-istimi in kwistjoni huwa vag wisq u facilment jista' jaghti lok ghall-vjolazzjoni tal-partita 4(1)(d) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, li jikkoncedi lill-appellant zmien tletin gurnata min-notifika ta' l-avviz ta' stima sabiex jappella mill-istess u jindika l-aggravji fuq liema qed jibbaza l-appell tieghu. L-aggravju kif moghti mir-Rikorrent jista' facilment iwassal biex ir-Rikorrent iqajjem kwalunkwe aggravju li jidhirlu minkejja li ghandu zmien preskritt fil-Ligi entro liema jista' jissolleva l-aggravji tieghu fir-rigward ta' l-istima/stimi mahruga kontrih; (ii) l-istimi huma validi u gusti u jisthoqqilhom konferma; u (iii) fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn ir-Rikorrent ma zammx ma' l-obbligi tieghu skond l-Artikolu 48(1),(2),(3) u (4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu japplika dak provdut fis-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi fir-rigward ta' produzzjoni ta' dokumenti quddiem il-Bord ta' Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u llum quddiem it-Tribunal.

Waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013[8] il-partijiet kontendenti ddikjaraw li jkun opportun li qabel ma jittratta l-appell fil-meritu, it-Tribunal jittratta u jiddeciedi jekk ir-Rikorrent kellux raguni valida o meno ghalfejn ma ressaqx id-dokumenti mitluba lilu fl-istadju opportun. Essenzjalment ghalhekk il-partijiet kontendenti jitolbu li qabel ma t-Tribunal jittratta l-appell fil-mertu, jittratta u jiddecidi t-tielet eccezzjoni sollevata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u cioè l-eccezzjoni li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, fejn ir-Rikorrent ma zammx ma' l-obbligi tieghu skond l-Artikolu 48(1),(2),(3) u (4) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandu japplika dak provdut fis-subartikolu (5) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi, senjatament dak provdut fl-ewwel *proviso* ta' l-istess, fir-rigward ta' produzzjoni ta' dokumenti quddiem il-Bord ta' Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u llum quddiem it-Tribunal.

L-Artikolu 48 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta jittratta dwar id-dokumentazzjoni li ghandha tinzamm mit-*taxpayer* ghall-finijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud u a tenur tas-subartikoli (1),(2) u (3) ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi *kull persuna registrata taxxabbli stabbilita f'Malta ghandha zzomm*

[8] Fol. 15 tal-process.

*dokumentazzjoni shiha u kif imiss ta' l-operazzjonijiet kollha imwettqa fil-kors jew avvanz ta' l-attività ekonomika taghha. Kull persuna li tkun suggetta ghat-taxxa fuq xi operazzjoni jew li tidentifika lilha nnifisha bhala persuna registrata taht dan l-Att ghall-ghan ta' xi operazzjoni, ghandha izzomm dokumentazzjoni shiha u kif imiss ta' kull operazzjoni bhal dik. Kull persuna taxxabbli u kull persuna legali mhux taxxabbli ghandha zzomm dokumentazzjoni shiha u kif imiss ta' l-akkwisti intra-Komunitarji kollha maghmula minnha.*

A tenur tas-subartikolu (4) ta' l-imsemmi Artikolu 48 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta d-dokumentazzjoni imsemmija fis-subartikoli (1), (2) u (3) *ghandha tinzamm u tinhazen b'dak il-mod, ikun fiha dawk id-dettalji u tkun dokumentata b'dak it-taghrif, dokumenti u kontijiet murija fil-Hdax-il Skeda u dik id-dokumentazzjoni, taghrif, dokumenti u kontijiet ghandhom jinzammu ghal zmien mill-anqas sitt snin minn tmiem is-sena li jkollhom x'jaqsmu maghha, jew dak il-perjodu iehor jew perjodi ohra hekk kif il-Ministru jista' f'kazijiet specjali jordna permezz ta' regolament.*

Is-subartikolu (5) ta' l-Artikolu 48 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li huwa l-pern tal-kwistjoni f'dan l-istadju tal-proceduri in ezami, jipprovdi li *l-Kummissarju jista' f'kull zmien matul iz-zmien specifikat fis-subartikolu (4)* – ossia sitt snin minn tmiem is-sena li jkollhom x'jaqsmu maghha d-dokumenti in kwistjoni – *jehtieg lil kull persuna li tipproduci, jew jista' jeleva minghand kull persuna, inkluz terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika mehtiega li jinzammu minnha bis-sahha ta' dan l-artikolu, u jaghmel kopji taghhom:* ***Izda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviz bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduci minghajr skuzanti ragonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika sa' tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviz, hija ma tkunx tista' tithalla tipproduci dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteggi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inharget stima jew stimi provizorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Gustizzja***[9]*: Izda wkoll meta titqieghed fiducja fuq xi persuna ohra sabiex din twettaq xi bicca xoghol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiducja jew xi dewmien jew inezattezzi mill-persuna li jkollha l-fiducja ma jitqiesx li hija skuzanti ragonevoli ghall-ghanijiet ta' dan is-subartikolu.*

Huwa proprio l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta li l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jikkontendi u jesigi li ghandu jigi applikat fil-konfront tar-Rikorrent u dana billi skontu mhux biss ir-Rikorrent ma zammx id-dokumentazzjoni minnu mehtiega mill-Ligi ghall-perijodu statutorju ta' sitt snin, izda talli ma kellu l-ebda raguni valida ghalfejn

[9] Enfasi tat-Tribunal.

ma jipproducix id-dokumentazzjoni minnu mitluba ghal darba darbtejn waqt l-istadju ta' l-investigazzjoni fil-konfront tieghu.

Mill-provi prodotti mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jirrizulta li b'ittra datata 16 ta' Frar 2011[10], liema ittra giet debitament notifikata[11], ir-Rikorrent gie nfurmat li kienet se tinbeda investigazzjoni fil-konfront tieghu a tenur ta' l-Artikolu 53 ta' l-Att XXIII ta' l-1998 u ghal tali skop gie mitlub jissottometti l-kotba tax-xiri mill-1/12/2006 – 30/11/2010, il-kotba tal-bejgh mill-01/12/2006 – 30/11/2010, ricevuti u fatturi u *profit and loss accounts* ilkoll ghall-istess perijodi. In segwitu ghal din l-ittra r-Rikorrent attenda d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud darbtejn, senjatament fl-24 ta' Frar 2011 u fil-11 ta' Marzu 2011[12], fejn iltaqa ma' Lorraine Dimech li kienet il-VAT Inspector inkarigata minn din l-investigazzjoni u din l-istess Lorraine Dimech, b'e-mail datata 16 ta' Marzu 2011, mill-gdid talbet lir-Rikorrent sabiex jissottometti *the sales and purchases ledgers, together with the respective invoices, for tax period from 01/09/2010 to 30/11/2010*[13].

Mix-xhieda ta' Lorraine Dimech[14] jirrizulta però li ghajr ghal *profit and loss accounts* li r-Rikorrent kien già issottometta lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni u *correction letter* fejn kien qed jitlob korrezzjoni fid-denunzji tat-taxxa tieghu peress illi ghamel *claim* ghall-Input Vat li mhux suppost saret, l-istess Rikorrent ma pprovda lid-Dipartiment b'ebda dokument iehor. Fin-nuqqas ta' tali dokumentazzjoni u b'mod partikolari fin-nuqqas ta' dokumentazzjoni dwar ix-xiri, senjatament ta' *tax invoices*, id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud pproceda biex jnaqqas l-Input Vat reklamata mir-Rikorrent tul il-perijodi in kwistjoni, li tammonta ghal €28,289.

Fir-rigward Lorraine Dimech xehdet hekk: *l-ewwel dokument* [l-ewwel dokument mis-serie ta' dokumenti esebiti minnha waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013 markati Dok. "LD"] *huwa l-ewwel notifika biex igib id-dokumenti, warajh ezatt hemm in-notifika li rceviha. Fl-24 ta' Frar it-taxpayer gie d-dipartiment u spjegajnilu ezatt x'ghandna bzonn. Fit-18 ta' Marzu t-taxpayer gie b'letter of correction u qieghda f'appendix 3 tar-rapport, fejn qed jghidilna li kellu xi items li mhux suppost ikklejmjahom bhala input vat. Issa wara dik l-ittra t-taxpayer gab il-profit and loss account kif gew prezentati lill-Inland Revenue, dik kienet appendix 1 ta' l-istess rapport. Issa hemm qed jindika li l-business baqa' ghaddej normali bejn l-2006 u l-2008. Skond is-sales baqa' jahdem normali. Fis-16 ta' Marzu imbaghad baghatlu email fejn qed nitolbu fuq is-sales u l-purchases ledgers u l-invoices, dik qieghda appendix B. Ghax sa' dakinhar kien ghadu ma issottomettihomx lid-dipartiment, jigifieri hu kull ma tana kienet dik il-*

[10] Dok. "LD" a fol. 33 tal-process.
[11] Fol. 34 tal-process.
[12] Fol. 35 tal-process.
[13] Fol. 52 tal-process.
[14] Xhieda moghtija waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013, fol. 59 sa' 61 tal-process.

*correction letter u l-profit and loss account. Fit-12 ta' April imbaghad, it-taxpayer gab ittra ohra li qieghda indikata bhal Red 38, fejn fiha fit-3 paragrafu qed jghidilna : "the problem stands that the vat inspector taking care of my case asked me for more paper work for further investigation, and this paper work is not available for the period prior December 2010." Maghha dik l-ittra gabilna appointment sheet ta' Mater Dei u gabilna wkoll referral form Dr. Anthony Formosa, fejn qed jghid li fl-ahhar seba' snin kien qed isofri minn xi trauma, ghax kien waqa' t-tarag u dawn qeghdin 38, 38B u 38C. Sa' dakinhar qalilna li m'ghandux dokumenti tax-xiri u allura ghamilna preliminary report, speci qed niehdu parir minghand is-superjuri tieghi speci, isma' dan huwa kaz partikolari, ghandu c-certifikati, ghandu c-certifikati tal-professur, però m'ghandux dokumenti tal-purchases, tax-xiri. Fin-nuqqas ta' dawk id-dokumenti tax-xiri ahna ma nistghux naghtuh l-input vat skond l-Ghaxar Skeda tal-Vat Act. Allura ssugerejna li l-input vat ghandu jitnaqqas u kien jammonta ghal 28,289. Dak ir-rapport gie maghluq jigifieri konkluz fis-6 ta' Mejju 2011. Gurnata wara gie approvat u allura sar ir-rapport proprja tad-9 ta' Mejju. Dak gie approvat u nhargu l-provisional assessments accordingly. Fit-12 ta' Mejju imbaghad kien hemm telefonata, ma nafx lil min minna cempel u kien qed jitlobni request for review form u baghtnhielu u fit-13 ta' Mejju rcieva l-istejjem u hemm l-AR card ukoll, dawk qeghdin f'dokument C. Dokument C qed jitlob ir-request for review u l-49, l-ahhar sheet, hemm ir-request propria tieghu, li giet sottomessa lid-dipartiment fit-3 ta' Gunju. Minn hemm imbaghad mar ghand ir-review officer.*

Fir-*request for review*[15] ir-Rikorrent talab revizjoni ta' l-istimi mahruga kontra tieghu u b'hekk tal-posizzjoni adottata mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud in bazi ghas-segwenti raguni: *Input Vat claimed has been deducted since not all paperwork was available. This is not fair as purchases were made and Vat claimed was actually paid.* Mix-xhieda ta' Lorraine Galea, ir-Review Officer involuta f'dan il-kaz, jirrizulta li t-talba tar-Rikorrent ghar-Review giet michuda ghaliex huwa ma tax raguni valida ghalfejn ma ipprezentax id-dokumentazzjoni mitluba waqt l-investigazzjoni fil-konfront tieghu, partikolarment it-*tax invoices* relattivi ghax-xiri, u fi kwalunkwe kaz baqa' ma ipprezentax tali dokumentazzjoni *at review stage*.

In effetti waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2013[16] Lorraine Galea xehdet illi *l-ewwel ktibt lis-Sur Galea biex jipprezenta d-dokumenti biex ighid ghalfejn ma kienx gab il-karti meta kien mitlub mid-Dipartiment, imbaghad kont iltqajt mas-Sur Galea u tani ittra fejn hu kien qalli li ma kellux il-purchases invoices, fil-fatt kien qalli jekk setax jikkompota kollox il-ledgers mill-istatements li seta' jmur igib minghand is-suppliers, però ghedtlu jien ukoll li l-istatements ma kienx se jkunu bizzejjed ghax hu suppost ikollu wkoll l-invoices anke minhabba l-fatt li kien ibiegh xi affarijiet li kienu ezenti u*

[15] Fol. 58 tal-process.
[16] Fol. 62 sa' 64 tal-process.

*ohrajn li huma bil-Vat, allura mill-istatement biss ma tkunx tista' tara, ghalkemm certu affarijiet jistghu jkunu ovvji, però wkoll skond il-Ligi hu suppost ikollu l-invoices ukoll. ... hu fil-fatt kien qalilna wkoll li minn meta kienu baghtu ghalih kien sab accountant professjonali u fl-iskuza tieghu kien qalilna li hu ma kienx gab il-karti u rega' pprezentali l-karti li kien gab minghand il-professur tieghu, ta' l-Isptar ghax kien ma jiflahx, però ma kienux f'dak il-perijodu ta' meta attwalment hargu l-assessments ghax l-assessments kienu ta' perijodi qabel, jigifieri dan jew ghandek l-invoices jew m'ghandekx u hu kien ghadu ma gabhomx lanqas at investigation stage fhimt, u at investigation stage kienu ghamlu quite a while biex igibhom. ... Jien fil-fatt kont issugerejtlu biex imur ghand is-suppliers, issa minghand is-suppliers ghedtlu mhux igib l-istatements biss imma irid igib l-invoices, imbaghad hu qalli li ha tkun difficli hafna biex jaghmilha.*

Ir-Rikorrent jirribatti ghal dan kollu bl-affermazzjoni li minhabba problemi fizici u mentali li kien ghaddej minnhom huwa ma kienx f'posizzjoni li jottempera ruhu mar-rikjesta tad-Dipartiment. In effetti fix-xhieda li ta waqt is-seduta tal-21 ta' Marzu 2013[17] ir-Rikorrent iddikjara *kont ircevejt kart d-dar meta jien kont qieghed l-Isptar. Rajtha wara xi hamsa jew sebat ijiem. Il-fatt huwa li ghandi injury go dari go l-ispine diehel u hiereg regolarment jigifieri l-injury ghadha hemm ma tistax tigi kkurata. Meta rcevejt il-karta mort kellimt lis-Sur Charles Dimech kont qieghed f'sitwazzjoni prattikament kont qieghed ipparalizzat kellhom iwassluni lanqas stajt insuq u ma stajt naghmel xejn. ... Meta kellimtu spjegajtlu l-kaz u ra li lanqas biss stajt inpoggi bilqieghda minhabba li kelli faxex mieghi kont qieghed dritt u wrejtu xi certifikati qalli mur fieq qalli meta tfieq erga' ejja. Ghedtlu hawnhekk qeghdin jghiduli xi 30 days. Qalli imma mhux importanti. Qalli mur u fieq qalli l-importanti li jghaddilek meta jghaddilek erga' ejja. Jiena ghamilt hekk u kif skada l-perjodu tat-30 days rcevejt mill-ewwel estimate ta' xi 29,000 Euros li qaluli ghax ma hadtx il-karti in time. Ergajt provajt inkellimhom imma sibtha difficli biex nikkomunika. ... Baghat karta lid-Dipartiment tal-VAT fejn ghedtilhom li ghandi d-dokumentazzjoni kollha ta' tobba, ghandi l-X-Rays ta' rukkel minn dahri li kien miksur u d-dati kollha li kont qieghed niehu t-treatment u ghadni niehu t-treatment regolari nidhol u nohrog biex niehu spine injection. Ghedtilhom dan kollu, ghedtilhom li ma kien l-ebda mod ta' disrispett li ma tajthomx il-karti, semplicement ma stajtx intihomlhom minhabba dawn ic-cirkostanzi f'dak iz-zmien u nircievi karta lura fejn qaluli li l-iskuza li qed intihom m'hijiex accettabbli. ... Jarani t-tabib tieghi partikolari, biss barra minn hekk it-tabib ma jistax jikkurali li ghandi. Fuq l-ittra li baghat id-Dipartiment tal-VAT tajthom l-awtorità biex anke jekk iridu jistaqsu l-Professura li operatni kienet Yana Van Der Slad l-Olandiza li kienet l-Isptar. Meta waqfet hi ghax f'dawn it-tlett snin waqfet hi, dahal Dr. Ansari li semmejtu fl-ittra li ktibt il-VAT u baghtilhom kollox. Tlabthom ukoll, ghandi kopja tahieli t-tabib tieghi ta' l-X-Ray li juru li s-*

[17] Fol. 16 sa' 18 tal-process.

*sitwazzjoni qieghda hemm, kienet hemm u ghadha hemm prezenti. F'Settembru rrid nidhol ghal trattament iehor. Meta jigi z-zmien tkun paralizzat ma tista' taghmel xejn hlief timxi u torqod wiccek l-isfel definitely ma tistax tpoggi bilqieghda biex taghmel karti. Spjegajtilhom dan kollu ghedtilhom li ghandi l-pakkett biex intihulhom u f'dan iz-zmien jiena lhaqt kelli l-karti kollha wkoll li talbuni li xtaqt naghtilhomlhom. Qaluli rrelevanti ma nistawx nohduhom issa.*

In sostenn ta' dak minnu affermat ir-Rikorrent, apparte li esebixxa diversi dokumenti ta' natura medika, ressaq bhala xhud lit-tabib kuranti tieghu t-Tabib Dr. Anthony Formosa li, iva kkonferma li fl-2003 u 2004 ir-Rikorrent kien wegga' n-naha ta' isfel ta' daru u li fl-2011 rega' wegga' daru u ghamel perijodu ta' zmien, madwar sitt gimghat, totalment *bed ridden* u li a causa ta' dan l-infortunju kien qed ikollu jiehu trattament ghall-ugigh peress illi fil-kaz tieghu ma setghax jigi operat, izda qal ukoll li din is-sitwazzjoni ma kenitx ipperdurat tul il-hdax il-sena kollha izda biss wara li rega' wegga' daru fl-2011.

Fir-rigward Dr. Anthony Formosa iddikjara li *fl-2003 u fl-2004 kien wegga' in-naha ta' isfel ta' dahru, kienu rawh l-isptar, kienu ghamlulu l-X-Ray fejn sabulu ksur u sabu li ma jistax jigi operat. Xi zmien wara, x'il-2011 kien rega' waqa' u rega' wegga' u ghamel hafna gimghat fis-sodda. ... Kien ghamel diversi gimghat imma aktar minn xahar. Kienu qed jippruvawlu t-terapija li ma kienet ghamlet l-ebda effett fuqu, imbaghad gie riferut biex jarawh l-ispecjalisti ta' l-ghadam fl-Isptar u kienu rreferewh anke ghall-pain clinic minhabba li kien qed jaghmel zmien twil ma jistax jimxi bazikament, minhabba l-ugiegh. Din il-bicca ghadha sejra, il-pain clinic rawh kemm-il darba, ghamlulu trattament u ghadu taht il-kura taghhom hemm. ... Dak iz-zmien, dawk is-sitt gimghat jew aktar, kien bed ridden, mugugh kontinwament, kien qed jiehu hafna pain killers, Narcotics bhala pain killers, li huma the maximum, infatti ghalhekk gie referut ghall-pain clinic ghax ma seta' jsir l-ebda intervent kirurigku ghalih ghal din il-kundizzjoni, allura kull ma kienu qed jaghmlu huwa li jaghtuh injections to relief the pain u ghadhom sejrin biha sal-llum, ovvjament dan mit-tieni darba li wegga' ma baqax ghal dawn l-ahhar hdax-il sena dejjem hekk, ghax kien rega' wegga' b'xi cilindri, waqa' naqra mhux hazin u rega' kellu injury ohra fuqha*[18].

In bazi ghall-provi minnu prodotti r-Rikorrent jikkontendi li *huwa gie imcahhad ingustament mid-dritt illi ghandu kull taxpayer taht il-proviso ta' Art. 48 ta' l-Att u konsegwentement ma nghatax l-opportunità illi jiggustifika il-purchases tieghu kif huwa stess kien talab fil-fazi ta' Review fl-ittra tieghu datata 3 ta' Awwissu 2011*[19]. Da parte tieghu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud jishaq illi kuntrarjament ghal dak pretiz mir-Rikorrent, l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta ghandu jigi applikat fil-kaz in ezami u b'hekk ir-Rikorrent jigi inibit milli jressaq quddiem

[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2013, fol. 21 u 22 tal-process.
[19] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrent a fol. 89 sa' 91 tal-process.

dan it-Tribunal dik id-dokumentazzjoni u dokumenti li huwa kien gie mitlub jissottometti lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud izda li baqa' qatt ma ssottomettieha, ghaliex *minn dak li sehh fil-kaz de quo d-dipartiment kellu ragun ma jaccettax l-'iskuzanti' li gab l-appellant ghalfejn ma ottemperax ruhu mal-Ligi. Ma kienux qeghdin jippretendu xi haga erojka mill-appellant l-ispetturi tad-dipartiment meta ssuggerewlu li jcempel lis-suppliers tieghu li ex admissis ma kienux hafna u jitlobhom kopji tal-fatturi. Dan hu baqa' ma ghamlux. Ma jistax issa wara li l-process inghalaq jippretendi illi d-dipartiment qieghed jittanta jcahhdu minn dak li hu tieghu billi allegatament cahadlu 'skuza ragonevoli' u qieghed jaghmel ingustizzja fiskali mieghu. Illi dan il-fil ta' hsieb da parte ta' l-appellant huwa inkredibbli ma jirrizulta b'mod lampanti illi l-appellant ma ottemperax ruhu mal-ligi wara li ta bis-sieq numru ta' opportunitajiet biex jirregola l-posizzjoni fiskali tieghu skond il-Ligi*[20].

It-Tribunal haseb fit-tul dwar il-kwistjoni in ezami u l-implikazzjonijiet legali u guridici ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u jqis li dak hemm dispost ma jistax jigi minnu applikat, u dana anke f'kaz fejn it-*taxpayer* ma jkunx ghamel l-ghalmu kollu tieghu fl-istadju ta' l-investigazzjoni u tar-*review*, jekk ikun intalab, biex jipprovdi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bid-dokumentazzjoni kollha mitluba u mehtiega, bhalma jidher li hu l-kaz fil-kaz in ezami. Dak provdut fl-imsemmi *proviso* ma jistax u ma ghandux jigi applikat fir-rigidità kollha tieghu ghaliex imur ghal kollox kontra l-principji ta' gustizzja naturali li dan it-Tribunal hu fid-dmir li jhaddan u josserva.

Jibda biex jigi osservat li ghalkemm l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta dahal fis-sehh bis-sahha ta' l-Att IV ta' l-2007, il-kuncett hemm enuncjat, ossia l-projbizzjoni fil-konfront tat-*taxpayer* li fl-istadju ta' appell minn stima jipproduci dokumenti u dokumentazzjoni li ma jkunux gew minnu prodotti fl-istadju ta' l-investigazzjoni ghad illi jkun intalab jaghmel hekk, gie diversi drabi trattat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) f'ghadd ta' sentenzi pronuncjati minnha.

Ad ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 15/05** deciza fil-5 ta' April 2006, fejn fost affarijiet ohra gie trattat l-aggravju sollevat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud li l-Bord ta' l-Appelli dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qatt ma messu ammetta w accetta bhala prova fattura li ma gietxipprezentata lill-istess Kummissarju fl-istadju ta' l-investigazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) ghamlet is-segwenti osservazzjoni: *jibda biex jigi osservat illi ghalkemm hu dejjem desiderabbli li taxpayer jottempera ruhu mar-rikjesta li issirlu ghall-produzzjoni tad-dokumenti mitluba lilu mill-Kummissarju li jkun qed jistharreg id-denunzji minnu sottomessi, kif hekk jesigi l-Artikolu 41*

[20] Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi, fol. 92 sa' 97 tal-process.

*ta' l-Att*[21]*, dan l-istess dispost, imbaghad, ma kellux jigi intiz li jorbot idejn il-Bord b'mod li jrazzan id-diskrezzjoni tieghu fl-apprezzament tal-provi. Ikollu jinghad li hekk kif il-Kummissarju ma kienx marbut li joqghod fuq id-denunzji tat-taxpayer, multo magis, imbaghad, meta dan ma jkunx, meta hekk mitlub, issodisfah bil-produzzjoni tad-dokumenti, daqstant iehor il-Bord, meta jsir appell lilu, kellu s-setgha li jordna l-esebizzjoni tad-dokumenti, jew li jakkorda l-opportunità lit-taxpayer li jaghmel tali prova, jinvestiga kull prova dokumentali w addirittura, jiddetermina, fuq il-bazi tad-dokumenti hekk esebiti, li ma ghandux joqghod fuq l-istimi tal-Kummissarju. Kieku kellu jigi ragonat mod iehor il-Bord jigi emaskulat ghal kollox mill-funzjonijiet u attribuzzjonijiet proprji tieghu, u dan zgur li ma jirriflettix ir-raison d'etre tal-legislatur li kkrejah u affidalu l-ezercizzju ta' dik id-diskrezzjoni gudizzjarja li jippreciza l-Artikolu 3 tas-Sitt Skeda ta' l-Att*[22]*... Dan igib l-objezzjoni legali sollevata mill-appellanti fuq dan il-punt li ma tistax titqies sostenibbli. Anke f'dan l-istess kuntest wiehed ma jridx jitlef di vista, imbaghad, illi ope legis il-piz tal-prova hu mixhut fuq it-taxpayer u tali obbligu jimponi fuqu li bi kwalunkwe mod rikonoxxut mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa jipprova l-bazi u l-legittimità ta' l-aggravju tieghu quddiem il-Bord, u ghal konvinciment ta' dan.*

Dawn l-istess osservazzjonijiet u principji gew ribaditi mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. et v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 1/07** deciza fid-9 ta' Mejju 2007, fejn ikkritikat il-posizzjoni adottata mill-Bord ta' l-Appell dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fejn gialadarba t-*taxpayers* f'dak il-kaz kienu naqsu fl-osservanza ta' l-obbligazzjonijiet fiskali taghhom u ma gabux raguni plawsibbli ghal tali nuqqas, ma ppremettilhomx jipprezentaw id-dokumentazzjoni mehtiega quddiemu. Il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi: *jigi qabel xejn sottolineat illi fuq il-materja hawn involuta din il-Qorti gja kellha okkazzjoni tokkupa ruhha mill-punt illi fl-espletament tal-funzjonijiet tieghu il-Bord mhux biss ma kellux jinjora r-regola hekk bazika li kull parti jkollha l-opportunità li tressaq il-provi taghha, imma kellu, fid-dixxiplina tad-disposizzjonijiet procedurali, jirrispettaha fl-istadji kollha tal-process quddiemu. Jekk xejn, biex ikun verament accertat li l-gustizzja tabilhaqq qed issir u tigi mharsa. Dan, multo magis, imbaghad meta l-ligi bhal f'dan il-kaz, taddossa fuq l-appellanti l-piz li jipprova li "xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eccessiv" [Artikolu 4(2) tad-Disa' Skeda ta' l-Att XXIII ta' l-1998]. Ferma din l-introduzzjoni, u gjaladarba wkoll il-Qorti qed tigi mistiedna mill-Kummissarju biex taghti direttiva dwar it-trattament mill-Bord tal-produzzjoni tad-dokumenti, il-Qorti jidhrilha li, una volta din il-kontestazzjoni qed tirrikorri ta' spiss (ara sentenza recensjuri taghha tat-12 ta' April 2007 in re: "Carmel Micallef v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud", anke jekk f'dan aspett ezaminat kien xort'ohra minn dak prezenti) hu xieraq li tinvesti anke din il-kwistjoni importanti tal-*

[21] Illum Artikolu 48 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.
[22] Illum Artikolu 1(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta.

*producibilità tar-records ta' l-attività ekonomika u, fundamentalment, ta' l-istadju li fih ghandhom jigu dawn l-istess records hekk prodotti. Jibda biex jigi osservat illi hu dispost car tal-ligi, ex-Artikolu 48(1) ta' l-Att imsemmi, illi kull persuna registrata ghall-finijiet tal-ligi fiskali ghandha zzomm dokumentazzjoni "shiha u kif imiss[23]" tat-transazzjonijiet kollha minnha mwettqa fil-kors ta' l-operazzjonijiet taghha. Dan kif ahjar dettaljat fl-elenku pprovdut fil-Hdax-il Skeda ta' l-Att. Hu preskritt imbaghad illi n-nuqqas ta' zamma ta' dawn ir-records jew tal-manumissjoni taghhom, tattira s-sanzjonijiet penali prevvisti fl-Artikoli 76 u 77 ta' l-Att. Dejjem skond l-istess Att, il-ligi tikkoncedi lill-Kummissarju li f'kull zmien jista' jesigi l-produzzjoni tad-dokumentazzjoni [Artikolu 48(5)], kif ukoll li jispezzjona u jiddomanda l-produzzjoni ta' kotba, record u document [Artikolu 53(b)]. Ghalkemm il-ligi ma tghidux huwa intwittiv illi talba bhal din issir ghal skop konness ma' l-ezercizzju ta' investigazzjoni, kemm b'mod generali kif ukoll, in partikulari, ghall-ezami tad-denunzja lilu mibghuta mill-persuna regsitrata. Ukoll f'dan il-kaz, in-non-produzzjoni tad-dokumenti ggib maghha skond il-ligi l-konsegwenza ghat-taxpayer illi l-Kummissarju jkollu jassumi illi dik id-denunzja mhix "shiha u korretta" ta' l-informazzjoni mehtiega [Artikolu 32(1)] u tali jittraduci ruhu finalment ghal likwidazzjoni ta' stima ex officio [Artikolu 32(3)] u in aggunta, l-imposizzjoni ta' penali amministrattiva prevvista mill-Artikolu 37(1) ta' l-Att. Minn dan premess din tidher li hi l-qaghda fil-fazi pre-processwali ta' qabel ma l-kaz jasal ghand il-Bord fl-appell introdott quddiemu mit-taxpayer. Il-Kummissarju donnu jissugerixxi illi in kwantu jikkoncerna d-dokumentazzjoni l-Bord m'ghandux jikkonsentixxi l-produzzjoni taghhom ghax dan kapaci jaghti lok ghall-abbuz. Hi proprju din is-sottomissjoni li l-Qorti ser tghaddi biex tanalizza, anke ghaliex din tidher li hi d-divarju centrali bejn il-kontendenti. Hu opportun fl-ewwel lok li jigi osservat illi skond Regolament 4 ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-1999, f'kull appell quddiem il-Bord u ghall-fini li jigu prodotti kotba u provi b'dokumenti ohra l-Bord hu vestit bl-istess setghat skond il-Kodici ritwali (Kapitolu 12) u huwa dixxiplinat bir-regoli adetti imnizzlin fih. Issa proprju f'dan il-Kodici nsibu li "it-talba ghall-esebizzjoni tad-dokumenti tista' ssir f'kull waqt tal-kawza sakemm il-provi jkunu ghadhom jistghu jingiebu" (Artikolu 642). Isegwi minn dan illi fil-kors tat-trattazzjoni fil-prim' istanza, bhala kontraddistinta mill-fazi ta' l-appell proprju, il-ligi ma tivvjetax lill-Qorti milli takkolji domanda ghal produzzjoni ta' dokument "ritenuto necessario per la istruzione della causa" (Kollez. Vol. XXIV PI 721, Vol. XXVI PI p344 u Vol. XXXII PI p306). Anzi jkompli jigi aggunt illi l-inammissibilità tal-produzzjoni tad-dokument, opposta mill-kontroparti, ma tistax tigi milqugha. Naturalment hu dejjem fis-setgha tal-Qorti adita li tqis ir-rilevanza o meno tad-dokument li jkun intiz li jigi prodott. Ovvjament tezisti distinzjoni markata bejn l-ammissibilità u r-rilevanza. Ta' l-ewwel ghandha rabta stretta ma' l-istadju tal-produzzjoni tal-provi; tat-tieni mal-valutazzjoni apprezzattiva li issir ta' dawk il-provi, kompriz kull*

[23] Sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri).

*cirkospezzjoni li jinhass xieraq li l-gudikant ghandu jaghmel dwarhom. Applikat dan li appena nghad ghal kaz in ispecje, il-Qorti hi tal-fehma illi s-setgha vestita fil-Bord ma kellhiex twasslu biex ma jammettix il-prova dokumentali li l-appellanti xtaq jipproduci, u li kienu fid-disponibilità esklussiva tieghu li jressaq 'il quddiem ghas-sostenn tal-kontestazzjoni tieghu ta' l-istima tal-Kummissarju u ghall-iskarikar tal-piz tal-prova. Il-fatt tat-trapass taz-zmien fil-produzzjoni tad-dokumenti kellha iva tallarmah fl-istadju posterjuri tal-gudizzju koxjenti tieghu tal-provi imma mhux ukoll, u ghal dik ir-raguni, tinducih biex a prioristikament, ma jaccettax u ma jammettix l-produzzjoni taghhom. Din il-fakoltà kienet hekk koncessa lilu limitatament fil-parametri ta' dak espress fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 4 tad-Disa' Skeda ghal kaz fejn hu ma jaccettax provi mressqa bhala sufficjenti jekk l-appellanti ma jkunx zamm id-dokumentazzjoni mitluba mill-ligi jew ma jipprezentax dik id-dokumentazzjoni. Dan hawnhekk ma huwiex il-kaz in kwantu, kif manifest, il-Bord lanqas ta' cans lill-appellanti milli jressaq provi. Sewwa gie rikonoxxut mill-Qorti ta' l-Appell, Sede Kummercjali, illi "ghall-finijiet procedurali hemm divesità kbira bejn il-kaz fejn ma jkunux instemghu il-provi tal-konvenut minhabba cahda tad-debita opportunità bhal meta jigi ingustament rifjutat is-smigh ta' provi legittimi offerti minnu, jew meta l-proceduri inizzjali kontra tieghu jigu prosegwiti minghajr ma jkun gie notifikat bihom, u ad insaputa tieghu, u bejn il-kaz fejn, minhabba nuqqas tieghu stess, jibqa' ma jgibx 'il quddiem il-provi tieghu meta tkun giet moghtija lilu kull opportunità li jgibhom". (Joseph Falzon v. Anthony Debono, 13 ta' Jannar 1975). …*

Mill-gdid fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Rikors Nru. 7/08**, deciza fit-28 ta' Novembru 2008, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) tenniet l-osservazzjoni li: *mill-korp tas-sentenza appellata huwa bil-wisq evidenti illi sostanzjalment il-Bord irrigetta l-aggravji ta' l-appellanti bil-motiv illi dan ma ressaqx il-provi okkorrenti biex, skond kif prefiss mill-Artikolu 4(2) tad-Disa' Skeda, jiddemostra li l-istimi tal-Kummissarju kienu eccessivi. Hemm qbil ma' l-appellat illi minn imkien mill-istess sentenza ma jinsab affermat, jew implicitament dedott illi l-Bord ikkampa ruhu fuq id-dispost ta' l-Artikolu 48(5) tal-Ligi. Ciononostante, dan ma jfissirx, imbaghad, illi din il-Qorti tista' tinjora l-assunt devolut lilha kostitwit minn dik il-vjolazzjoni tal-precett tal-gustizzja naturali. Avut rigward ghall-argomenti li minnhom skaturiet r-ratio decidendi, ghandu jkun ovvju li l-appellanti u fuq it-talba minnu maghmula lill-Bord ma nghatax il-possibilità li jipproduci l-provi dokumentali tieghu u li jikkontrapponi, ghar-rapport investigattiv tal-Kummissarju pprezentat fil-kors tal-prodediment, dawk l-elementi li setghu potenzjalment, jikkonducu ghall-konvinciment divers da parti tal-Bord. Din il-Qorti terga' hawnhekk tirrepeti l-osservazzjoni taghha maghmula fi skorta ta' decizjonijiet illi l-appellanti kellu jinghata l-opportunità shiha li jkun f'posizzjoni jiddefendi l-posizzjoni tieghu u li jissodisfa l-oneru gravanti fuqu permezz ta' provi li kienu hekk centrali ghal kontestazzjoni ta' l-istimi. Tali minn dejjem kien principju inderogabbli li l-ebda tribunal gudikanti ma kellu*

*jinjora. Huwa veru li l-ligi tirrimetti ghad-diskrezzjonalità tal-Bord il-gudizzju jekk prova hijiex sufficjenti jew le fl-ezekuzzjoni ta' l-impenn ta' dak l-istess oneru. Dan però ma kellux jittraduci ruhu ghal qaghda fejn il-Bord jirrifjuta jew jinjora talba ghall-produzzjoni tad-dokumentazzjoni in sostenn tal-gravami. Huwa wkoll veru illi, kif sottomess mill-appellat, fl-ezercizzju tal-funzjonijiet tieghu l-Bord hu, ex-Artikolu 3(1) tad-Disa' Skeda, fakoltizzat li "jikkonferma jnaqqas jew izid kull valur taxxabbli jew kreditu ta' taxxa li jkunu gew stmati mill-Kummissarju jew li jhassar l-istima jew li jaghmel kull dikjarazzjoni jew ordni ohra hekk kif jidhirlu xieraq." B'danakollu, dan lanqas ma ghandu jfisser illi, fl-espletament ta' dawn il-mansjonijiet lilu akkordati mill-Ligi, il-Bord seta' jqieghed fil-genb il-principju fundamentali invokat mill-appellanti u, jonqos milli, almenu jawtorizzah jew jikkoncedilu li, f'terminu prefiss, igib 'il quddiem il-provi dokumentali li xtaq iressaq.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 22/07**, deciza fis-6 ta' Gunju 2008, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) addirittura esprimiet it-thassib Taghha dwar il-legittimità kostituzzjonali ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta: *huwa car mill-interpretazzjoni ta' dan il-proviso illi l-legislatur ried jirrestringi z-zmien ghall-produzzjoni mit-taxpayer tad-dokumenti, u fl-istess waqt li stabilixxa l-istadju li fih l-istess taxpayer kien fid-dmir li jipproducihom, ghadda biex jippreskrivi li ma kienx ser jammetti estensjoni ta' zmien ghall-producibilità taghhom jekk mhux ghal skuzanti ragonevoli u sufficjenti li, apparentement, lanqas ma kellha tannovera fiha motivi ta' indoli privata, jew singolari. Fuq dan il-punt din il-Qorti ma tistax ma tissenjalax ghall-mument id-dubbji serji taghha kemm dik l-emenda ghandha legittimità kostituzzjonali. Dan qed tirrilevah ghaliex, meta aggancjata mal-garanzija kostituzzjonali tat-tutela tad-drittijiet u dik tat-tutlea procedimentali, naturalment fil-kwadru tad-drittijiet tat-taxpayer, dik l-istess emenda timponi limitazzjoni pre-processwali fuq it-taxpayer ghall-produzzjoni tal-provi dokumentali fil-procediment kwazi-gudizzjali quddiem il-Bord, jew gudizzjali quddiem din il-Qorti, b'mod li dan mhux biss jippezantixxi l-piz tal-prova imposta mil-ligi fuq it-taxpayer [Artikolu 4(2) tad-Disa' Skeda] izda wkoll, u fundamentalment, jikkreja ostruzzjoni ta' dik ir-regola processwali li tesigi r-rispett tal-principju inderogabbli tal-kontradittorju.*

Ghalkemm is-sentenzi appena citati lkoll jittrattaw appelli li gew introdotti qabel id-dhul fis-sehh ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk il-projbizzjoni fil-konfront tat-*taxpayer* li fl-istadju ta' l-appell minn stima/stimi mahruga kontra tieghu jipproduci dokumentazzjoni u dokumenti li jkun naqas li jissottometti waqt l-istadju ta' l-investigazzjoni kienet ghadha ma tohrogx minn disposizzjoni espressa tal-Ligi, fil-fehma tat-Tribunal il-principji fihom enuncjati ma jitilfu xejn mis-siwi taghhom u b'hekk mill-applikabilità ta' l-istess ghall-kaz in ezami.

Apparte l-fatt li l-jedd ta' smigh xieraq li jhaddan fih il-principji ta' gustizzja naturali ghandu dejjem jirrenja suprem, minn qari ta' l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta b'mod car li dak hemm dispost imur ghal kollox kontra l-principji ta' mgieba amministrattiva tajba li dan it-Tribunal huwa – ai termini tal-Ligi – obbligat li jhaddan, japplika u jsegwi.

L-Artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva, Kap.490 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi li: *(1) Fir-relazzjonijiet taghhom mal-pubbliku, it-tribunali amministrattivi kollha ghandhom jirrispettaw u japplikaw il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba stabbiliti f'din it-Taqsima ta' dan l-Att. (2) Il-principji ta' mgieba amministrattiva tajba jinkludu dawn li gejjin: (a) tribunal amminnistrattiv ghandu* ***jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jinghataw smigh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali,*** *jigifieri: (i) nemo judex in causa sua; u (ii)* ***audi et alteram partem****; … (c)* ***tribunal amminsitrattiv ghandu jizgura li l-partijiet fil-proceduri jkollhom l-istess mezzi procedurali. Kull parti ghandha tinghata l-opportunità li tipprezenta l-kaz taghha, bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn, minghajr ma titqieghed fi zvantagg***[24]. L-Artikolu 6 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta kjarament jipprovdi li ***t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu jikkonforma ruhu mal-principji ta' mgieba amministrattiva tajba stabbiliti fl-artikolu 3***[25].

B'hekk kemm il-darba t-Tribunal kellu japplika dak provdut fl-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ikun mhux biss qed jipperikola u jippregudika d-dritt ta' smigh xieraq tas-socjetà Rikorrenti izda jkun qed imur ghal kollox kontra l-principji regolaturi in bazi ghal liema u ghas-salvagwardja ta' liema gie specifikatament kostitwit. Jigi in oltre osservat illi *huwa pacifikament stabbilit in linea ta' principju generali illi* ***t-tribunali kollha ta' kwalsiasi forma w attribuzzjoni, indistintament ghandhom jirrispettaw ir-regoli hekk importanti u fondamentali tal-gustizzja naturali. Regoli dawn invjolabbli li jesigu, inter alia, il-parità ta' trattament mal-partijiet in kawza li ebda tribunal ma jista' jissorvola***[26], principju dan li fil-fehma tat-Tribunal japplika iktar u iktar meta dan it-Tribunal huwa espressament marbut bil-Ligi li *jirrispetta d-dritt tal-partijiet li jinghataw smigh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali, nemo judex in causa sua u audi et alteram partem*. Tant l-osservanza tal-principji ta' gustizzja naturali hija kardinali f'kull procediment giudizzjarju jew quasi-gudizzjarju *che sia,* illi n-non-osservanza ta' l-istess

[24] Enfasi tat-Tribunal.
[25] Enfasi tat-Tribunal.
[26] Esther Pace et v. Aplan Limited, Appell Civili Nru.2/05 deciza fid-9 ta' Novembru 2005 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri). Enfasi tat-Tribunal.

twassal ghan-nullità tal-procedimenti u ta' l-eventwali sentenza moghtija fihom[27].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li ma ghandux u in verità lanqas jista' japplika l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, izda detto ciò lanqas jista' jinjora ghal kollox il-fatt li r-Rikorrent, ghal raguni li jaf hu biss, baqa' ma ssottomettiex id-dokumentazzjoni mehtiega u ripetutament mitluba mid-Dipartiment sabiex jissosstanzja l-Input Vat minnu reklamata fid-denunzji tieghu ghall-perijodi ta' taxxa meritu ta' dan l-appell, u ghaldaqstant iqis li filwaqt li r-Rikorrent ghandu jinghata l-opportunità jressaq tali dokumentazzjoni dan ghandu jsir f'terminu perentorju, ossia mhux prorogabbli, moghti mit-Tribunal.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bbazata fuq l-ewwel *proviso* ta' l-Artikolu 48(5) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, jawtorizza lir-Rikorrent iressaq u jissottometti quddiem dan it-Tribunal id-dokumentazzjoni necessarja sabiex jissosstanzja l-Input Vat minnu reklamata fid-denunzji tieghu ghall-perijodi ta' taxxa 01.12.2006-28.02.2007, 01.03.2007-31.05.2007, 01.06.2007-31.08.2007, 01.09.2007-30.11.2007, 01.12.2007-31.12.2007, 01.01.2008-29.02.2008, 01.03.2008-31.05.2008, 01.06.2008-31.08.2008, 01.09.2008-30.11.2008, 01.12.2008-28.02.2009, 01.03.2009-31.05.2009, 01.06.2009-31.08.2009, 01.09.2009-30.11.2009, 01.12.2009-28.02.2010, 01.03.2010-31.05.2010, 01.06.2010-31.08.2010 u 01.09.2010-30.11.2010, b'dana però li tali dokumentazzjoni ghandha tigi hekk sottomessa quddiem it-Tribunal permezz ta' Nota, ilkoll debitament notifikati lill-kontro-parti, sat-18 ta' Marzu 2016, liema terminu huwa wiehed perentorju u mhux prorogabbli.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk it-Tribunal jordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez relattivi ghal din l-istanza partikolari jigu decizi fis-sentenza finali dwar il-meritu.

A tenur ta' l-Artikolu 2(4) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Rikorrent.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**

---

[27] Angelo Debono v. Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, App. Civli Nru. 402/05 deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' April 2013.